

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-10 ta' Diċembru 2015 – Front Polisario vs Il-Kunsill

(Kawża T-512/12)⁽¹⁾

(Relazzjonijiet barranin — Ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u l-Marokk — Liberalizzazzjoni reċiproka fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd — Applikazzjoni tal-Ftehim għas-Sahara tal-Punent — Front Polisario — Rikors għal annullament — Locus standi — Interess dirett u individwali — Ammissibbiltà — Konformità mad-dritt internazzjonali — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża)

(2016/C 068/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Front populaire pour la libération de la saguia-el-ħamra et du rio de oro (Front Polisario) (rappresentanti: inizjalment C.-E. Hafiz u G. Devers, sussegwentement G. Devers, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappresentanti: S. Kyriakopoulou, A. Westerhof Löfflerová u N. Rouam, aġenti)

Intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappresentanti: inizjalment F. Castillo de la Torre, E. Paasivirta u D. Stefanov, sussegwentement F. Castillo de la Torre u E. Paasivirta, bħala aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, 2012/497/UE, tat-8 ta' Marzu 2012, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, hija annullata sa fejn hija tapprova l-applikazzjoni tal-imsemmi ftehim għas-Sahara tal-Punent.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/497/UE tat-8 ta' Marzu 2012, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, hija annullata sa fejn hija tapprova l-applikazzjoni tal-imsemmi ftehim għas-Sahara tal-Punent.*
- 2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk esposti mill-Front populaire pour la libération de la saguia-el-ħamra et du rio de oro (Front Polisario).*

⁽¹⁾ ĠU C 55, 23.2.2013

Digriet tal-Qorti Ġeneral tas-17 ta' Diċembru 2015 – Universal Music vs UASI – Yello Strom (Yellow Lounge)

(Kawża T-379/14)⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2016/C 068/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Universal Music GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappresentant: M. Vieflhus, avukat)